StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

**5 – 6 –**

## IT-TIENI SENA L-ISTORJA (ĠENERALI) IL-ĦIN: SIEGĦA U NOFS

**L-Isem:** ________________________________________ **Il-Klassi:** ________________

**1. Ikteb VERU jew FALZ għal dawn is-sentenzi.**

| | | |
|---|---|---|
| 1.1 | L-Ewwel Kruċjata ssejħet mill-Papa Urbanu II. | |
| 1.2 | Fl-Ewwel Kruċjata l-Insara rebħu l-belt ta' Kostantinopli. | |
| 1.3 | Il-Kruċjati kienu gwerer ikkawżati mir-reliġjon. | |
| 1.4 | L-i*stained glass* kienu jużawhom biex isebbħu l-kastelli. | |
| 1.5 | Katidrali bi stil Gotiku kien ikollhom koppla kbira. | |
| 1.6 | L-istil Gotiku kellu l-bibien u t-twieqi ġejjin għall-ponta. | |
| 1.7 | Il-Pesta s-Sewda (*Black Death*) xterdet minħabba l-ġrieden. | |
| 1.8 | Din il-pesta xterdet biss fi Franza. | |

**(Total: 8 marki)**

**2. Ħares lejn dawn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



**Sors A**



**Sors B**

2.1 X'tip ta' bini jidher f'dawn is-sorsi? ____________________________________ (1)

2.2 Dawn huma binjiet ta' żmien (*ir-Rumani, il-Medjuevu, il-Feniċi, l-Eġizzjani*). (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

2.3 Għid fejn inbena sors A u għaliex inbena f'dik il-pożizzjoni.

____________________________________________

2.4 Għid fejn inbena sors B u għaliex inbena f'dik il-pożizzjoni.

____________________________________________ (2)

2.5 Semmi mod kif binja bħal din f'sors B setgħet tintrebaħ mill-għadu.

____________________________________________ (1)

2.6 Min kien jikkmanda f'dawn il-binjiet? ________________________ (1)

2.7 Imla t-taqsimiet il-vojta tal-piramida fewdali b'dawn il-kliem:

*sidien fewdatarji* - *sultan* - *bdiewa* - *kavallieri* (4)



2.8 Semmi **żewġ** dmirijiet li kellhom il-bdiewa lejn is-sidien fewdatarji.

____________________________________________

____________________________________________ (2)

2.9 Semmi **żewġ** dmirijiet li kellhom is-sidien fewdatarji lejn is-sultan.

____________________________________________

____________________________________________ (2)

**(Total: 16-il marka)**



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**3. Ħares lejn dawn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



Sors C



Sors D

3.1 Is-suldat li jidher f'sors C huwa ______________________ u l-gwerrier li jidher f'sors D huwa ____________________ (2)

3.2 Liema minn dawn il-gwerriera ġie l-ewwel fl-istorja? ______________________________ (1)

3.3 Mil-liema parti tal-Ewropa ġie l-gwerrier li jidher f'sors D? _________________________ (1)

3.4 X'jissejjaħ ix-xini li jidher f'sors D li kien juża dan il-gwerrier biex imur għall-ġlied?

_________________________ (1)

3.5 Għaliex dan ix-xini kien importanti għal dan il-gwerrier?

__________________________________________________________________________ (1)

3.6 Għaliex l-Ewropej kienu jibżgħu ħafna minn dawn in-nies?

__________________________________________________________________________ (1)

3.7 Mill-istampi ta' sorsi C u D semmi **żewġ** armi li kienu komuni għaż-żewġ gwerriera.

_________________________________  _________________________________ (2)

3.8 Semmi art fl-Ewropa li fiha ssetiljaw grupp minn dawn il-gwerriera ta' sors D.

__________________________________________________________________________ (1)

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**4. Aqra dan is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**

'Il-Konti qabiżlu d-dmugħ meta ra l-ilsiera Nsara ħerġin ferħanin mill-belt...L-ilsiera laqgħuh bi friegħi tal-palm f'idhom...u b'għajjat ta' *Kyrie Eleyson*, huma nxteħtu fl-art quddiemu. Għalhekk il-Konti, wara li ħa pussess tal-belt, laqa' lill-ilsiera fuq ix-xwieni tiegħu. Ix-xwieni tant kienu mgħobbija li l-Konti beża' li jistgħu jegħrqu. Imma Alla kien magħhom, u x-xwieni ntrefgħu 'l fuq mill-mewġ.
Fi triqtu lura, il-Konti lemaħ il-gżira ta' Għawdex. Għalhekk hu ordna li jsir ħbit fuq dik il-gżira wkoll. Malli niżlu l-art in-Normanni ħarbtu u serqu kemm felħu. Qabel telaq lura lejn Sqallija l-Konti ħa l-pussess tal-gżira ta' Għawdex u żiedha mal-artijiet tiegħu.'

**Goffredu Malaterra, Segretarju tal-Konti** **Sors E**

4.1 Għid liema **erbgħa** minn dawn huma **fatti storiċi** u mhux opinjonijiet.

| | | |
|---|---|---|
| a | Malaterra kien is-Segretarju tal-Konti. | |
| b | L-ilsiera Nsara kollha laqgħu lill-Konti bil-ferħ. | |
| c | Il-mexxejja Għarab beżgħu mill-Konti u ċedew mill-ewwel. | |
| d | Il-Konti Ruġġieru ħabat għall-Gżejjer Maltin fl-1091 W.K. | |
| e | Skont il-Konti kien Alla li ħelishom mill-għarqa. | |
| f | Mis-silta jidher li n-Normanni kienu qliel daqs il-Vikingi. | |
| g | Wisq probabbli li l-ilsiera li ħeles il-Konti ma kinux Maltin. | |
| h | Malaterra, bil-kitba tiegħu, ried juri lill-Konti bħala eroj Nisrani. | |
| i | Il-Konti ħabat għal Għawdex qabel mar lura lejn Sqallija. | |
| j | Il-belt li tissemma fis-silta (versi 2 u 4) tirreferi għall-Imdina. | |

(4)

4.2 Min hu l-Konti li jissemma f'dan is-sors? ______________________ (1)

4.3 Liema ġrajja mill-istorja ta' Malta jirrakkonta dan is-sors?

______________________ (1)

4.4 Għaliex taħseb li l-Konti qabiżlu d-dmugħ meta ra lill-Insara ħerġin ferħanin?

______________________ (1)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4.5 Għal-liema post f'Malta kien qed jirreferi fil-frażi 'ħa pussess tal-belt' (vers 4)?

______________________________________________________________ (1)

4.6 Min kien imexxi 'l Malta qabel il-wasla tal-Konti? ______________________________ (1)

4.7 Mis-sors kif jidher li l-Konti ttratta lil Għawdex?

______________________________________________________________ (1)

**(Total: 10 marki)**

**5. Aqra sors F u wieġeb il-mistqosijiet dwaru.**


Sors F

Iċ-Ċensiment tal-Abbati Ġilbertu, 1241

L-għadd tal-familji fil-Gżejjer Maltin kienu maqsumin hekk:

| | |
|---|---|
| **Maltin Misilmin** | **681** |
| **Għawdxin Misilmin** | **155** |
| **Maltin Lhud** | **25** |
| **Għawdxin Lhud** | **8** |
| **Maltin Insara** | **47** |

5.1 Liema **tliet** reliġjonijiet kien hawn fil-Gżejjer Maltin fiż-żmien li kien sar sors F?

______________________________

______________________________

______________________________ (3)

5.2 X'ġie jagħmel Malta l-Abbati Ġilbertu?

______________________________

______________________________ (1)

5.3 X'jgħidilna dan iċ-ċensiment dwar il-reliġjon:

(a) f'Malta? ______________________________________________ (1)

(b) f'Għawdex? ____________________________________________ (1)

5.4 Għaliex taħseb li kien għad baqa' daqshekk Misilmin fil-Gżejjer Maltin fl-1241?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

5.5 Min ordna li jsir dan iċ-ċensiment u għal liema raġuni? ________________________

______________________________________________________________ (2)

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

6. **Ħares lejn dawn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



Sors G

Sors H



6.1 X'qed jagħmel il-patri li jidher f'sors G?

______________________________ (1)

6.2 X'invenzjoni tidher li saret f'sors H? ______________________________ (1)

6.3 Semmi **żewġ** vantaġġi kbar li ġabet din l-invenzjoni?

______________________________

______________________________ (2)

6.4 Iż-żmien li fih saret din l-invenzjoni kien **Żmien ir-Rinaxximent**. Għid x'tifhem b'din il-kelma.

______________________________ (1)

6.5 Għid għaliex Żmien ir-Rinaxximent jissejjaħ ukoll **Żmien is-Sejbiet**?

______________________________ (1)

6.6 Imla din it-tabella dwar ir-Rinaxximent.

| | **Qasam** | **Persunaġġ** | **Opra** |
|---|---|---|---|
| (a) | | Leonardo da Vinci | |
| (b) | | | L-istatwa ta' David |
| (c) | Letteratura | | |

(6)

**(Total: 12-il marka)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

Sors 1

## Il-Lista tad-Dejma tal-1419-1420

| | |
|---|---|
| Tartarni, Dinkli | 40 |
| Gumerinu | 25 |
| Dragu, Gazara, Maricatu | 32 |
| Bise, Dimag | 33 |
| Grigori, Samud | 43 |
| Naxaru | 92 |
| Calleja, Musta | 62 |
| Lamanni, Burdi | 16 |
| Lia | 26 |
| Atardu | 25 |
| Balzan | 20 |
| Bircalcara | 89 |
| Capurat | 8 |
| Curmi | 102 |
| Kibin | 24 |
| Xiloc | 17 |
| Sigeui | 81 |
| Leu, Carendi | 27 |
| Milleri | 14 |
| Zabar | 18 |
| Temi, Assant | 10 |
| Pascualinu | 14 |
| Johanni, Buzubudi | 40 |
| Axac | 28 |
| Gudia | 38 |
| Sifilani, Gallun | 12 |
| Mitarxen | 18 |
| Luca, Farruġ | 27 |
| Micabibe | 21 |
| Percopu | 16 |
| Safi | 18 |
| Zuricu | 61 |
| Bubakira, Backari | 19 |
| Tabuni | 11 |
| Cuderi | 13 |
| Żebuġi | 103 |
| Rabat | 234 |
| Civitas [Mdina] | 132 |
| Giudacca [Mdina] | 58 |
| [illegible] | [illegible] |

**7. Aqra dan is-sors u wieġeb i[illegible]t.**

7.1 Għaliex kienet saret din il-Lista ta[illegible] Dejma? Immarka t-tweġiba t-tajba.

(a) *Biex ikunu jafu l-għadd tal-popolazzjoni ta' Malta.*
(b) *Biex ikunu jafu kemm hemm nies tajbin għall-ġlied.*
(c) *Biex ikunu jafu kemm kien hemm irħula f'Malta.* (1)

7.2 Għaliex inħasset il-ħtieġa li titwaqqaf id-Dejma?

______________________________

______________________________ (1)

7.3 Min kien jagħmel parti mid-Dejma?

______________________________

______________________________ (1)

7.4 Minn din il-lista sib **tlett** irħula li għadhom jeżistu sal-lum.

______________

______________

______________ (3)

7.5.1 Semmi **żewġt** irħula li llum m'għadhomx jeżistu.

____________ ____________ (2)

7.5.2 X'jissejħu rħula bħal dawn li m'għadhomx jeżistu?

______________________________ (1)

7.5.3 Agħti raġuni għaliex taħseb li rħula bħal dawn m'għadhomx jeżistu.

______________________________

________________________________________________________________ (1)

7.6 Mil-lista liema tikkonkludi li kien l-ikbar u l-iżgħar post f'Malta?

(a) L-ikbar kien ________________ (b) L-iżgħar kien ________________ (2)

**(Total: 12-il marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**8. Ħares lejn sors J u wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**



**Sors J**

8.1 X'inhu assedju? ______________________________________________

______________________________________________ (2)

8.2 Agħti **żewġ** raġunijiet għaliex it-Torok attakkaw lil Malta fl-1565.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

8.3 X'diffikultajiet sabu hawn Malta t-Torok matul dan l-Assedju? Semmi **tnejn**.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

8.4 Semmi **żewġ** effetti li ħalla dan l-Assedju.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

**(Total: 8 marki)**

**9. Ikteb fit-tul dwar x'kienet l-Ordni ta' San Ġwann u l-ewwel snin tat-tmexxija tagħhom f'Malta.**
*Tista' tikteb dwar: Kif bdiet l-Ordni fl-Art Imqaddsa, iż-żmien tagħhom f'Rodi, l-għotja tal-Gżejjer Maltin mill-Imperatur Karlu V, ir-reazzjoni tagħhom għal din l-għotja u għaliex, il-bidu tal-ħakma tagħhom f'Malta u t-tisħiħ tad-difiża ta' Malta sa qabel l-Assedju l-Kbir.*

**(Total: 14-il marka)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers